**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 14.06.09: SOLENNITA' TAL-ĠISEM U D-DEMM GĦAŻIŻ TAL- MULEJ. (IL-CORPUS)**
**Fit-8.00a.m.** Quddiesa u dritt wara toħroġ il-Purċissjoni qasira b'Ġesu' Sagramentat, li tgħaddi mit-Toroq : L-Isqof Cocco Palmeri, Vincenzo Caruana Spiteri, 28 ta' Aprill 1688 u l-Pjazza tal-knisja.
**Fil-11.15a.m.** se ssir laqgħa oħra għal dawk li se jieħdu sehem fix-xandir bir-Radju tal-Komunita' : Radju Margerita matul ix-xahar ta' Lulju. Din tkun fis-sala parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 17.06.09: ĠURNATA EWKARISTIKA FL-ISKOLA TAR-RAĦAL TAGĦNA.**
**Fid-900a.m.** Tibda l-Adorazzjoni Solenni fl-Iskola fejn kull klassi jkollha ħin ta' qima quddiem Ġesu' Espost.
**Fil-10.30a.m.** Tibda il-Purċissjoni b'Ġesu' Ewkaristija mill-Iskola lejn il-Knisja, fejn it-tfal jieħdu sehem fil-quddiesa apposta għalihom.
Nistiednu lill-ġenituri tat-tfal biex min jista', jieħu sehem kemm fl-adorazzjoni fl-Iskola u anke fil-quddiesa li se ssir fil-knisja
**IL-ĠIMGĦA,19.06.09: SOLENNITA' TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU'.**
**Illum huwa Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti.**
Ilum il-Papa se jiftaħ is-**SENA** ddedikata lis-**SAċERDOTI**
Nagħmel appell biex b'mod speċjali illum u anke matul din is-sena dedikata lis-Saċerdoti, nitolbu ħafna għall-qdusija tagħhom u anke għall-vokazzjonijiet.
Inħeġeġ lil kulħadd biex illum jieħu sehem fil-quddiesa u jitqarben.

Fil-għaxija jkun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni biex inpattu ftit għall-imħabba kbira li biha jħbbna Ġesu'.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar il-Qalb ta' Ġesu'.
**Fil-4.00p.m.** Zane Groves u Sonia Razi Butt se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom fil-knisja tagħna.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.
**IS-SIBT, 20.06.09:** Tifkira tal-Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija
**IL-ĦADD, 21.06.09: IT-TNAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
**JUM IL-MISSIER.**

**NIRRINGRAZZJA**
Mill-qalb nirringrazzja lil kulħadd tal-ġabra li saret nhar il-Ġimgħa għall-Festa ta' Santa Margerita.
Dawk li ma ' kienux hemm u jixtiequ jagħmlu l-offerta tagħhom, jistgħu jagħtuha lil xi saċerdot tal-parroċċa. Grazzi.

**ANNIVERSARJI TAŻ-ŻWIEĠ**
Bi tħejjija għall-Festa tal-Patruna tagħna Santa Margerita qed niġbru l-ismijiet ta' dawk il-koppji li din is-sena jagħlqu 25 Sena jew 50 Sena miżżewġin sabiex bħala komunita' parrokkjali niċċelebraw dawn l-anniversarji flimkien fl-okkażjoni tal-festa.
Għalhekk, nitlob lil dawk il-koppji li għandhom dawn l-anniversarji biex jinformawna fl-Uffiċċju Parrokkjali f'dawn il-ġranet li ġejjin. Biex inkunu nistgħu nħejju għal din iċ-ċelebrazzjoni.

**DEĊENZA:**
Nigbed l-attenzjoni ta' kulħadd biex fil-ġranet li ġejjin tas-sajf, nuru responsabilta u maturita' nisranija bl-ilbies tagħna, kulimkien, imma b'mod partikulari fil-knisja.